MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Numru. 1309/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**
**Rashad El-Arabi Mabruk ta' 35 sena iben Labir u Arpija Sharif, imwieled Tripoli l-Libja nhar it-22 ta' Gunju 1972 u li joqghod go kamra fi Blokk no. 6, Triq it-Turgien, Valletta detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 154699(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Rashad El-Arabi Mabruk akkuzat talli fil-Belt Valletta nhar id-9 ta' Ottubru 2007 ghal habta tas-2:20 ta' wara nofs in-nhar:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq ta' oggetti mill-katidral ta' San Gwann il-Belt Valletta u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-

elf lira Maltija (Lm1000) ghad-detriment ta' Djocesi ta' Malta u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta' bidu ta'l-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu.

2. U aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Probation a tenur ta'l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. datata 28 ta' April 2005 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.
3. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tad-29 ta' April 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akuzat b'attentat ta' serq aggravat. Kif jirrizulta mix-xhieda migjuba quddiem il-Qorti fil-gurnata indikata fl-akkuza, l-imputat dahal gewwa l-Kon-Katidral ta' San Gwann bil-pretensjoni illi huwa dahal hemm sabiex jitlob. Fil-fatt irrizulta illi huwa dahal mill-*exit point* tal-knisja peress illi huwa proprju minn dina id-dahla li huwa permess li jidhlu in-nies sabiex jitolbu. Mill-entratura l-ohra imbaghad jidhlu il-vizitaturi tal-Katidral fosthom gruppi ta' turisti. Jidher illi l-imputat minflok beda jitlob beda idur mal-katidral, sakemm wasal hdejn bieb li minnu tasal ghall-ufficji ta'l-amministrazzjoni tal-Kapitolu tal-Kon-

Katridral. Maurice Grixti, l-kap ta'l-istaff u is-sigurta gewwa l-Katidral kien qieghed josserva lill-imputat. Rah qieghed ihares madwaru fuq in-naha tal-lemin u fuq ix-xellug tieghu, imbaghad dahal minn dana il-bieb. Grixti ighid li stenna xi ftit sabiex jara jekk jergax johrog, izda meta ma ghamilx dana, huwa dahal warajh, tela' it-tarag tal-garigor li iwassal ghall-ufficini, u hemmhekk hdejn id-dahal li twassal ghal dawna l-ufficji, huwa ra lill-imputat qieghed jipprova jimbotta il-bieb sabiex jidhol hemm gew. Meta huwa waqqfu u staqsieh x'qieghed jaghmel hemmhekk, huwa tallbu sabiex jipproduci il-biljett, izda l-imputat biljett ma kellux. Ghall-ewwel l-imputat qal lil Grixti illi kien dahal fil-Katidral ma' grupp, izda meta huwa rega' gie mitlub jipproduci il-biljett, huwa biddel il-verzjoni u wiegeb li kien dahal sabiex jitlob. Anke meta gie mitlub jaghti il-partikolaritajiet tieghu, l-imputat ghall-ewwel beda jaghti partikolaritajiet foloz, fosthom, ismu u in-numru tal-karta ta'l-identita. Maurice Grixti isostni illi l-imputat kien qieghed igorr basket illi huwa jghid li kien vojt. L-imputat madanakollu jichad dana u ighid illi fil-basket huwa kellu xi affarijiet personali tieghu. L-imputat gie skortata barra mill-Katidral u sar rapport lill-pulizija. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat jichad illi huwa dahal gewwa l-Kon-Katidral bl-intenzjoni li jikkometti serqa. Huwa ighid li dahal hemm gew sabiex joqghod idur. Izda ghal mistoqsijiet ohra huwa ghazel li ma jwegibx.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.

3. In-nuqqas ta’esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta’l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi kommess delitt, b’tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

***“To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation.”***

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta’ demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta’l-esekuzzjoni tad-delitt. X’distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta’l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta’ dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

***“So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in***

***appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."***

Illi l-atti maghmula mill-imputat kienu is-segwenti:

1. Dahal fil-konkatidral taht pretensjoni – dik li ried jitlob.

2. Resaq lejn il-bieb tal-kampnar li jiehu ghall-ufficji ta'l-amministrazzjoni fejn kien hemm avviz car illi f'dak il-hin l-ufficji ikunu maghluqa ghal pubbliku.

3. Qabel dahal huwa hares madwaru sabiex jara jekk xi hadd huwiex qed ihares fid-direzzjoni tieghu, imbaghad dahal.

4. Kif wasal hdejn il-bieb li jiehu dirett ghal gewwa l-ufficju, huwa beda jimbotta il-bieb sabiex jidhol, bieb li jirrizulta li kien imsakkar.
5. Fl-ufficji in kwistjoni irrizulta illi kien hemm diversi oggetti ta' valur li jeccedu l-2500ewro. (ara rapport ta'l-espert Dominic Cutajar).

Illi apparti dawn il-gesti esterni, l-intenzjoni ta'l-imputat tirrizulta ukoll fil-mod illi huwa iwiegeb ghal mistoqsijiet li ighamillu Maurice Grixti. Meta inqabad minn Grixti l-imputat ghall-ewwel ighid illi dahal fil-Katidral ma' grupp ta' turisti. Meta mitlub jipproduci il-biljett, huwa ibiddel il-

versjoni tieghu u ighid illi dahal sabiex jitlob. Irrizulta illi fil-fatt fl-ebda mument minn meta dahal fil-Katidral huwa ma ghamel dana. Fl-istqarrija li huwa jirrilaxxja, imbaghad meta gie arrestat, isostni illi dahal hemmhekk sabiex joqghod idur. Wiehed jistaqsi, liema hija il-versjoni il-korretta? Imbaghad meta mitlub jaghti il-partikolaritajiet tieghu, jaghti isem falz lil Grixti. L-istess jaghmel meta jintalab jaghti in-numru tal-karta ta'l-identita'. L-ewwel jaghti numru, imbaghad meta mitlub jerga' jirrepetieh, jitfixkel fl-ahhar tlett numri u jaghti numru iehor. Dana kollu flimkien ma'l-atti indikati iktar 'il fuq jindikaw minghajr dubbju l-intenzjoni kriminuza ta'l-imputat. L-imputat fil-verita dahal gewwa il-Kon-Katidral unikament sabiex jara x'jista' jipprova jisraq. Huwa ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta dahal f'parti mill-bini tal-Katidral fejn il-pubbliku ma huwiex awtorizzat jidhol, tela' it-tarag u ipprova jisgassa bieb li kien maghluq u li jaghti direttament ghal ufficji li kien fihom oggetti ta' valur, valur li jeccedi  l-mitt lira Maltin u dana kif jirrizulta mir-rapport ta'l-espert Dominic Cutajar a fol. 81 et. seq. tal-process. L-imputat madanakollu gie imwaqqaf milli ikompli bl-esekuzzjoni tad-delitt, minn Maurice Grixti li mal-ewwel issuspetta x'setghu kienu l-intenzjonijiet ta'l-imputat. Li kieku huwa ma giex imwaqqaf minn Grixti l-imputat kien jisgassa, u jidhol sabiex jara x'jista' jisraq.

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat ikkometta tentattiv ta' serq aggravat, kif indikat fl-akkuza.

Illi meta tigi biex tikkusnidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali ta'l-imputat, kif ukoll il-fatt illi l-imputat huwa recidiv, kif gie ippruvat ampjament matul it-trattazjoni tal-kawza. Illi madanakollu ghar-rigward tat-tieni akkuza migjuba mill-prosekuzzjoni illi l-imputat kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 moghtija fil-konfront tieghu, dina ma gietx ippruvata u dana peress illi ma jirrizultax mill-atti processwali illi tali provvediment gie impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ippresjeduta mill-Magistrat Miriam Hayman tat-28 ta' Mejju 2005 u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta’ ghaxar xhur prigunerija

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------